MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 2205/1999/1

**Dorianne Pisani f'isimha u ghan-nom tal-minuri Cherokee**

**Vs**

**Charlot Pisani**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attrici *proprio et nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-hajja konjugali u l-koabitazzjoni bejn il-partijiet saru impossibbli, u dan ghar-ragunijiet diga` migjuba quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili li b'digriet tad-9 ta' Awissu 1999 awtorizzat li tinbeda s-separazzjoni;

Premess illi dawn ir-ragunijiet huma eccessi, sevizzji u ingurji gravi, u z-zwieg ma hemmx possibilita` li jirranga;

Premess illi minn dan iz-zwieg hemm il-minuri Cherokee, li twieldet fis-6 ta' Gunju 1998;

Talbet ghalhekk l-attrici *proprio et nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni bejn il-kontendenti u dan bi htijiet imputabbli lill-konvenut u dan ghar-ragunijiet premessi

2. Tiffissa r-retta alimentarja ghall-attrici u timponi wkoll modalitajiet tal-hlas ta' l-istess retta;

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti gja ezistenti bejn il-partijiet, tillikwida l-istess u tassenja nofs lill-attrici u nofs lill-konvenut;

4. Tikkommina kontra l-istess konvenut il-provvedimenti ta' l-Artikolu 48, 50 sa 55 tal-Kodici Civili;

5. Tafda l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri Cherokee f'idejn l-attrici, kif ukoll tordna lill-istess konvenut ihallas retta alimintarja ghalihom lill-attrici bil-modalitajiet tal-hlas ta' l-istess;

6. Tassenja d-dar konjugali lill-attrici taht dak it-titlu u taht dawk il-provvedimenti xierqa ghal kaz;

7. Tawtorizza lill-attrici li tibda tuza kunjom xbubitha;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut inkluzi dawk tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attrici *proprio et nomine* u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat illi l-konvenut ghalkemm debitament notifikat, baqa' ma' pprezentax in-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu;

Rat id-digriet ta’ l-14 ta’ Novembru 2000 li permezz tieghu giet nominat Dr. Mariella Gonzi bhala Assistent Gudizzjarju biex tigbor il-provi;

Rat in-nota tal-partijiet ipprezentata fl-udjenza tat-30 ta’ Ottubru 2001;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Din hi kawza ta' separazzjoni personali proposta mill-mara fil-konfront ta' zewgha fuq il-bazi ta' allegati eccessi, sevizzi u ngurji gravi;

Fil-kors tal-proceduri l-kontendenti lahqu qbil li ghandha tigi pronunzjata l-firda personali ghal motivi imputabbli liz-zewg partijiet. Huma accettaw illi l-firda ghandha tkun regolata ghab-bazi tal-ftehim minnhom raggunt fit-30 ta' Gunju 2001 esebit a fol. 16 tal-process;

Din il-Qorti qed taccetta t-termini kontenuti f'dan il-ftehim u ser tghaddi biex takkorda s-separazzjoni.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza bil-mod infraskritt:-

1. Fl-ewwel lok tippronunzja s-separazzjoni bejn il-kontendenti minhabba htijiet reciproci;

2. Tiffissa ghall-attrici u ghal bint minuri Cherokee r-retta alimentarja fl-ammont ta' disgha u ghoxrin lira Maltija (Lm29) li tithallas kull hmistax (15) il-jum mill-konvenut lill-attrici;

3. Tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet b'dan li qed tastjeni milli tillikwida l-istess u dan in vista tad-dikjarazzjoni komuni tal-partijiet illi huma gja bonarjament illikwidaw u qassmu l-assi ta' l-istess komunjoni;

4. Tichad ir-Raba' Talba attrici dwar il-komminazzjoni prevvista mil-ligi fl-Artikoli 48 u 50 sa 55 tal-Kodici Civili;

5. Taffida lill-attrici l-kura u l-kustodja tal-bint minuri imsemmija li twieldet fis-6 ta' Gunju 1998, b'dan li qed takkorda lill-konvenut id-dritt ta' l-access kull nhar ta' Tnejn u L-Erbgha fil-hin bejn l-hamsa u nofs u s-sebgha ta' filghaxija (5:30 p.m. - 7:00 p.m.), kif ukoll nhar ta' Hadd bejn l-ghaxra ta' filghodu u s-saghtejn ta' wara nofsinhar (10:00 a.m. - 2:00 p.m.);

6. Tassenja lill-attrici d-dritt ta' l-abitazzjoni tal-fond konjugali Nurmu 10 St. Ursola Street, Senglea;

7. Tipprovdi wkoll fuq ix-xewqa tal-kontendenti illi l-minuri bint ma tistax issiefer hlief bil-kunsens taz-zewg genituri jew bil-kunsens tal-Qorti skond il-kaz;

8. Fl-ahharnett tawtorizza lill-attrici biex tirriverti ghal kunjom xbubitha.

Skond kif maqbul bejn il-kontendenti l-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------